MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2008

Rikors Numru. 50/2008

Mira Motor Sales Limited
vs
Melita Insurance Brokers Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` Melita Insurance Brokers Limited li bih esponiet:

Illi fit-30 ta' Novembru 2006 is-socjeta` Mira Motor Sales Limited ipprezentat mandat ta' sekwestru bin-numru 1762/06 sabiex tikkawtela pretensjoni ta' allegat bejgh ta' ishma proprjeta` ta' l-istess socjeta` fis-socjeta` Auto Repairs and Services Limited.

Illi s-socjeta` intimata hija kumpanija ta' assikurazzjoni regolata mill-Awtorita` ta' Malta ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA).

Illi skond l-Artikolu 20 tal-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assikurazzjoni (Kap 487) is-socjeta` intimata hija obbligata zzomm il-flus li tigbor tal-klijenti (assikurati) gewwa kont bankarju separat, stante li l-ligi tispecifika li dawn mhumiex flus tal-kumpanija assikuratrici. L-artikolu 20 jipprovdi ghall-obbligu ta' kull persuna li topera bhala intermedjarju fl-assikurazzjoni li:
"*zzomm il-flejjes kollha li jkunu ghandha f'kapacita` fiducjarja separati mill-flejjes taghha stess u ghandha, dwar dawk il-flejjes, izzomm kontijiet separati skond ligijiet stabbiliti minn regola dwar intermedjarji fl-assikurazzjoni maghmula ghall-finijiet ta' dan l-Artikolu*".

Illi r-Regola dwar Intermedjarji fl-Assikurazzjoni 13 ta' l-2007 li emendat id-Direttiva 11 tal-1999 tipprovdi testwalment:

*"enrolled persons are required to credit to a business of insurance intermediaries account and to no other account all monies which relate to insurance intermediaries transactions of any kind connected with the carrying out of insurance intermediaries activities. Monies standing to the credit of a buisness of insurance intermediaries account are at all times protected against the risks of an enrolled persons' defaults in their obbligations to other parties".*

Illi s-socjeta` rikorrenti kienet fethet dan il-***Business of Insurance Broking Account*** mal-Bank of Valletta plc, u n-numru tal-kont huwa 102 087 150 48.

Illi mill-preparazzjoni ghall-***audits*** ta' l-***accounts*** tal-kumpanija tas-sena 2007 irrizulta li dan is-sekwestru gie ezegwit fuq dan il-kont.

Illi dan il-kont skond il-ligi teknikament m'ghandux flus appartenenti lis-socjeta` intimata izda jikkonsisti fi flus dovuti lill-kumpanija ta' assikurazzjoni.

Illi l-kwistjoni odjerna ma tikkoncernax kwistjonijiet ta' assikurazzjoni u ghalhekk ma tistax tigi ezegwita fuq dan

il-kont peress li huma flus ta’ l-assikurati u mhux tas-socjeta` intimata.

Ghaldaqstant is-socjeta` intimata sabiex tikkonforma ruhha mal-ligi gabet dan ghall-konjizzjoni ta’ din il-Qorti u talbet ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru limitatament ghal dan il-kont bankarju.

**B. RISPOSTA:**

Rat in-nota tas-socjeta` Mira Motor Sales Limited li biha esponiet:

Illi din hija risposta ghal rikors tal-21 ta’ Jannar 2008;

Illi huwa kemmxejn stramb li r-rikorrenti damu aktar minn sena sabiex jindunaw li, skond huma, il-flus maqbuda fil-kont numru 102 087 150 48; fil-fatt kif hargu dawn il-fatti fl-audit tal-2007 kellhom necessarjament ukoll johrogu fl-audit tal-2006.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost izda, is-socjeta` intimata indikat li ma jkollhom l-ebda diffikulta` biex jirtiraw il-mandat ta’ sekwestru limitatament ghall-kont in kwistjoni f’kaz li jirrizultaw ic-cirkostanzi premessi. F’dan ir-rigward jindikaw li d-dikjarazzjoni tal-awdituri tal-kumpanija li l-kont in kwistjoni ma ghandux flejjes appartenenti jew spettanti lis-socjeta` intimata, u liema dikjarazzjoni tkun saret wara li l-awditur ikun espressament ivverifika l-fatti ghandha tkun l-ahjar prova f’dan is-sens.

Illi ghaldaqstant, minhabba (1) li dawn il-fatti ma kienux gew dikjarati mal-ezekuzzjoni (2) tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz kif ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni anke jekk din il-Qorti joghgobha takkolji t-talba tar-rikorrent, is-socjeta` intimata ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lid-difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Frank Xavier Fenech, direttur tal-kumpanija Melita Insurance Brokers Limited li hija kumpanija ta' assikurazzjoni regolata mill-Awtorita` ta' Malta ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA). Qal li bhala kumpanija assikuratrici, il-kumpanija intimata hija obbligata bil-ligi li zzomm il-flus li tigbor tal-klijenti assikurati gewwa kont bankarju separat minn dak tal-kumpanija assikurata. Ikkonferma li l-kont bankarju li l-kumpanija intimata zzomm il-flus tal-klijenti assikurati maghha huwa l-kont mal-Bank of Valletta p.l.c. numru 10208715048. Annetta wkoll kopja tal-***bank statement*** li juri fih l-ammont maqbud minn Mira Motor Sales Limited.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti rat in-nota a fol 12 tal-process tal-15 ta' Frar 2008 li fiha ghamel l-osservazzjonijiet imsemmija. Rat illi fid-19 ta' Frar 2008 Dr. Fenech talab zmien biex jipprezenta l-affidavit ta' Dr. Cassar, l-awditur ta' Melita Insurance Brokers Limited, u l-Qorti tatu gimgha zmien ghal dan l-iskop. Illi ghalkemm ghaddew 15-il gurnata, dan l-affidavit ma giex prezentat.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Peress li l-affidavit li kellu jigi prezentat ma giex prezentat, u li ghalhekk ma hemmx provi sufficjenti biex tintlaqa' t-talba ta' Melita Insurance Brokers Limited, tichad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------